**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.M., LL.D.**

**Appell Nru: 225/2015**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Brian Pace**

***Ommissis***

***Ommissis***

Illum, 24 ta' Frar 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Brian Pace, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 377378M, akkużat flimkien ma' *Ommissis* u *Ommissis* quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

1. Talli nhar il-21 ta' Ottubru 2012, matul il-jum u ċioe għal ħabta tas-siegħa ta' wara nofsinhar, f'dawn il-Gżejjer u ċioe minn ġewwa l-ħanut magħruf bħala Gauci Borda and Sons li jinsab ġewwa Triq ix-Xatt, Gżira, kkommetta serq ta' flus minn ġewwa l-ħanut, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, kif ukoll bil-valur li jeċċedi l-232.94 Euro u li sar għad-detriment ta' Neville (Neville-Edward) Pace u/jew ta' persuni jew kumpaniji oħra u dan bi ksur ta' Art. 261(b)(c)(f), 263(a)(b), 264(1), 267 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u ċioe l-bieb tal-ħanut, liema ħanut jinsab ġewwa Triq ix-Xatt, Gzira, għad-detriment ta' Neville (Neville-Edward) Pace u/jew ta' persuni jew kumpaniji oħra, liema ħsara

tiskorri mija u sittax-il Ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu imma inqas minn elf, mija u erbgħa u sittin Ewro u sittin ċenteżmu u dan bi ksur ta' Artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom, liema oġġetti kienu jikkonsistu fi flus;
4. U finalment akkużat ukoll talli sar reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula jew imħassra.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-30 ta' April 2015, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 261(b), 261(c), 263, 264, 265, 266, 267, 278(2), 279(a), 280(2), 325(1)(b), 42(c), 42(d), 28A, 28B, 28C, 334(a), 49, 50, 289, 23, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni sabet lill-imputati ħatja u fil-konfront ta' Brian Pace, ikkundanatu għal piena ta' sentejn priġunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant, Brian Pace, ippreżentat fit-13 ta' Mejju 2015, fejn talab lil din l-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma s-sentenza fejn instabet ħtija pero tbiddel il-piena erogata minn l-Ewwel Qorti u minflok tikkundannah għal piena aktar ekwa u ġusta fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

Rat it-talba magħmula mill-appellant nhar it-28 ta' Awwissu 2018 sabiex din il-Qorti fit-termini tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga.

Rat illi permezz ta' digriet datat it-30 ta' Ottubru 2019, il-Qorti laqgħat din it-talba u konsegwentement wara li assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga, rreferiet lill-appellant quddiem il-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ai termini tal-artikolu 8(3) tal-istess Kapitolu 537 u ordnat il-komunika tad-digriet tagħha lil dan il-Bord sabiex hu jottempera ruħu ma' dak dispost fl-artikolu 8(10) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta u dan permezz ta' nota bil-miktub.

Rat il-konklużjoni tal-Bord milħuqa nhar it-2 ta' Ġunju 2021, fejn l-istess Bord informa lill-Qorti li qed jagħlaq il-kaz tal-appellant Brian Pace fid-dawl tal-fatt illi ma kienx qed juri impenn fir-rijabilitazzjoni tiegħu.

Semgħet ix-xiehda ta' Dr Roberta Holland, fejn l-istess spjegat li l-appellant, wara li kien wera progress fir-rijabilitazzjoni tiegħu, reġa' qabad it-triq il-ħazina u di fatti għadu maħkum mill-vizzju tad-droga kokajina u erojina.

Rat illi, in vista tas-suespost, il-Qorti b'digriet tas-26 ta' Ġunju 2020 irrevokat "*contrario imperio*" id-digriet preċedenti tagħha mogħti nhar it-30 ta' Ottubru 2019 fejn kienet ikkonvertiet ruħha f'Qorti dwar id-Droga.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat l-aggravji imressqa mill-appellant.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-fatt illi l-Qorti irrevokat "*contrario imperio*" id-deċizjoni tagħha tat-30 ta' Ottubru 2019 sabiex tikkonverti ruħha f'Qorti dwar id-Droga, ser tgħaddi għalhekk sabiex tipproċedi bis-smigħ ta'l-appell, u dana ai termini tal-Artikolu 8(4) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi, il-*gravam* sottopost għal gudizzju ta' din il-Qorti jikkonċerna unikament il-piena erogata mill-Ewwel Qorti għall-akkuzi li dwarhom l-appellant kien misjub ħati, liema piena l-appellant jisħaq li għandha tkun waħda aktar miti u idoneja fiċ-ċirkostanzi.

Illi, ġie stabbilit b'mod kopjuz fil-ġurisprudenza illi qorti ta' revizjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioe` din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena

mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*[1].

Illi l-appellant iqis illi l-Ewwel Qorti ma ħaditx in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi li fih seħħ id-delitt mertu ta' dawn il-proċeduri fejn l-involviment tiegħu kien wieħed *de minimis* tenut kont ukoll tal-fatt illi fil-jum li fih seħħ ir-reat huwa kien taħt l-effett ta' psikofarmaċi abbinati ma' konsum ta' xorb alkoħoliku u għalhekk lanqas kien kapaċi jifhem dak li kien qiegħed iwettaq bl-egħmil kriminuż tiegħu. Ir-*res furtiva* fil-fatt lanqas kienet misjuba fil-pussess tiegħu, iżda fil-pussess tal-kompliċi tiegħu Donna Camilleri.

Illi minn eżami tal-atti proċesswali jirriżultaw fatti kuntrarji għal dak dikjarat fir-rikors tal-appell u dan għaliex fil-fatt kien l-appellant li sgassa u daħal ġewwa il-ħanut fil-Gżira u kkometta s-serqa mertu ta' dan il-każ biż-żewġ tfajliet li kienu fil-kumpanija tiegħu joqogħdu għassa barra l-istabbiliment. Mhux biss iżda ir-*res furtiva* kienet misjuba fl-appartament fejn intsab l-appellant.

Illi l-Qorti ħadet konjizzjoni tal-*pre-sentencing report* imħejji quddiem l-Ewwel Qorti minn fejn jirriżulta illi l-appellant huwa persuna maħkuma mill-vizzju tad-droga. Jingħad hekk f'dan ir-rapport:

> **"Waqt il-ġbir tal-informazzjoni għall-fini ta' kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport, ġew identifikati diversi fatturi fil-ħajja ta' Brian Pace, fosthom l-imġiba refrattarja tiegħu kif ukoll il-problema tad-droga u alkoħol. Jirriżulta li dawn il-problemi ilhom jippersistu għal diversi snin u jidher li l-imputat qatt ma indirizza bis-serjeta dawn l-istess problemi. Għaldaqstant jinħass il-bżonn li l-imsemmi jindirizza dawn il-problemi sabiex fil-ġejjieni jonqos ir-riskju li jerġa' jirrepeti aġir kriminali. Wieħed ta' min isemmi li meta fil-passat Brian Pace ingħata opportunita' ta' sanzjoni bbażata fil-komunita' ftit li xejn wera koperazzjoni u impenn sabiex jindirizza l-problemi teghu."**

Fid-dawl ta' dawn ir-risultanzi l-Uffiċjal tal-Probation irrakkomandat illi l-appellant jingħata sentenza ta' ħabs effettiv.

[1] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiza nhar il-25 ta' Awissu 2005.

Illi għalkemm dan ir-rapport kien ikkumpilat fis-16 ta' April 2015, jidher madanakollu illi l-appellant għadu sal-ġurnata ta' llum ma jridx juri impenn sabiex jegħleb dan il-vizzju u għalkemm il-Qorti qiset illi kien kandidat idonju sabiex jiġi riferut quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga huwa reġa' tilef l-opportunita' li jirriabilita ruħu u jirriforma ħajtu[2]. Fil-fatt diment li l-appellant kien jinsab inkarċerat huwa kien qed isewgi il-pjan ta' kura imfassal mill-Bord u saħansitra segwa programm residenzjali ta' rijabilitazzjoni, madanakollu sfortunatament huwa mhux biss ma baqax isegwi dan il-pjan ftit taż-żmien wara li ħareġ mill-Ħabs, iżda ukoll reġa beda' jabbuża mid-droga kemm kokajina kif ukoll erojina. Din kienet il-fehma ta' Dr. Roberta Holland li kienet ħejjiet rapport fiż-żmien meta l-appellant kien għadu inkarċerat fejn stqarret illi jekk l-appellant ma jkunx f'ambjent ikkontrollat u strutturat diffiċli li jegħleb dan il-vizzju waħdu[3]. Jidher madanakollu mill-aħħar aġġornament mogħti mill-imsemmija Roberta Holland illi għalkemm l-appellant għadu jagħmel użu mid-droga, għalkemm dan l-użu fil-fehma tagħha huwa ikkontrollat, illum rat bidla pożittiva. Xortawaħda kienet tal-fehma, iżda, li huwa għad għandu bżonn li jinżamm taħt superviżjoni.

Illi fid-dawl ta' dan il-kwadru probatorju l-Qorti hija tal-fehma illi l-appellant għadu mhux qed juri r-rieda li jindirizza l-problema tiegħu tad-droga u jirriforma ħajjtu għalkemm għadda ħafna żmien u ngħata iktar minn opportunita' waħda. Fuq kollox, iżda tqis illi l-appellant għandu bżonn ambjent strutturat fejn jinżamm taħt supervizjoni biex jegħleb dan il-vizzju. Illi ukoll il-Qorti hija prekluża milli tissosspendi il-perijodu ta' priġunerija imposta fuqu mill-Ewwel Qorti billi huwa kien misjub ħati ta' l-akkuża tar-reċediva. Kwindi billi s-sentenza ta' sentejn priġunerija effettivi kienet waħda legalment u raġonevolment valida, kif ukoll tinkwadra ruħha fil-parametri tal-Liġi, llum wara diversi snin u sforzi kbar biex l-appellant jingħata l-opportunita' jirriforma ħajjtu li ma ġewx minnu utiliżżati, ma teżisti ebda raġuni valida għaliex il-piena mposta fuqu mill-Ewwel Qorti għandha tiġi varjata.

[2] Ara xiehda ta' Joanna buhagiar Fiott a fol. 467 et seq. u nota tal-Bord tal-20 ta'Mejju 2021 a fol. 474
[3] Ara rapport a fol.401

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma is-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Il-Qorti tagħmel r-rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex l-appellant jingħata l-għajnuna kollha meħtieġa biex jindirizza l-problema tal-vizzju tad-droga.**

**Edwina Grima**

**Imhallef**